Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Sajd

2023/2049(INI)

27.6.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) fis-sajd u l-akkwakultura – Regolament (UE) 1379/2013
(2023/2049(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Izaskun Bilbao Barandica

WERREJ

Paġna

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

F'konformità mal-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni tar-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2022.

Il-Kummissjoni adottat dan ir-rapport fil-21 ta' Frar 2023 u l-Kumitat PECH iddeċieda li jagħmel rapport ta' implimentazzjoni tar-Regolament imsemmi.

Ir-Regolament attwali dwar l-OKS ġie adottat fl-istess pakkett tar-reviżjoni tar-Regolament PKS fl-2013. Ir-reviżjoni fl-2013 għamlet xi bidliet fundamentali għall-funzjonament tal-organizzazzjoni komuni tas-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Ir-reviżjoni saħħet b'mod speċjali r-rwol tal-Organizzazzjoni tal-Produtturi fil-ġestjoni tas-suq filwaqt li diversi miżuri ta' intervent fis-suq ġew eliminati bħall-miżuri għall-irtirar permanenti ta' prodotti tas-sajd mill-konsum mill-bniedem jew il-qerda tagħhom. L-Organizzazzjoni tal-Produtturi għandha wkoll rwol importanti fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni peress li huma biss l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi rikonoxxuti skont ir-regolament dwar l-OKS li jkunu jistgħu jidderogaw mir-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll jaċċessaw fondi speċifiċi tal-UE ddedikati għall-azzjonijiet tagħhom ta' ġestjoni tas-suq.

Ir-Regolament dwar l-OKS huwa parti integrali u importanti min-network ta' regoli li jikkostitwixxi r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u speċjalment sabiex jiġi żgurat suq ġestit u li jiffunzjona tajjeb għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Jikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex jiżgura l-kompetittività, l-istabbiltà tas-suq, it-trasparenza u jiżgura provvista diversa ta' ikel akkwatiku lill-konsumaturi.

Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur tilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-OKS iżda temmen li huma meħtieġa aktar sforzi sabiex tiġi żgurata l-informazzjoni għall-konsumatur, jittejbu t-tikkettar, it-trasparenza tas-suq u tiżdied it-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Ir-rapporteur innotat diversi rapporti li jindikaw kif ukoll fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tas-CMO li hemm nuqqas ta' applikazzjoni armonizzata tar-regoli. Għalhekk, ir-rapporteur temmen li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex ikun hemm implimentazzjoni aħjar u aktar armonizzata tar-Regolament dwar l-OKS. Huwa importanti li jkun hemm implimentazzjoni aktar armonizzata sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumatur fil-prodotti tal-ikel akkwatiku mqiegħda fis-suq uniku u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda u għall-bdiewa tal-akkwakultura tal-UE.

Ir-rapporteur tilqa' l-intenzjoni li tiġi ppreżentata proposta għal leġiżlazzjoni Qafas dwar Sistemi tal-Ikel Sostenibbli bil-għan li tipprovdi aktar trasparenza u informazzjoni lill-konsumaturi. Tali leġiżlazzjoni qafas jeħtieġ li tiżgura li ma toħloqx piż amministrattiv addizzjonali u tallinja mal-kundizzjoni għas-sostenibbiltà li hija stabbilita f'biċċiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Ir-rapporteur tilqa' l-eżitu tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-

Sajd, speċjalment ir-regoli li għandhom l-għan li jsaħħu d-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà għall-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura. Dan se jkun parti importanti fl-iżgurar tal-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà għall-konsumaturi Ewropej, f'dan ir-rigward hemm bżonn li l-Kummissjoni tipproponi aktar azzjoni biex tiżgura li din l-informazzjoni tasal għand il-konsumatur finali b'mod faċli u aċċessibbli.

L-EUMOFA huwa l-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura u huwa għodda ta' informazzjoni dwar is-suq dwar is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni Ewropea, żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea. Għandu l-għan li jżid it-trasparenza u l-effiċjenza tas-suq, janalizza d-dinamika tas-swieq tal-UE, u jappoġġa d-deċiżjonijiet kummerċjali u t-tfassil tal-politika. L-EUMOFA jippermetti l-monitoraġġ dirett tal-volumi, tal-valuri u tal-prezzijiet tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, mill-ewwel stadju tal-bejgħ sal-istadju tal-bejgħ bl-imnut, inklużi l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. Id-data tinġabar mill-pajjiżi tal-UE, mill-Iżlanda, min-Norveġja, mir-Renju Unit u mill-istituzzjonijiet tal-UE u tiġi aġġornata kuljum.

Ir-rapporteur taħseb li din l-għodda għandha tintuża aktar mill-Istati Membri sabiex tkompli tittejjeb id-data miġbura taħt l-istrument peress li din l-għodda tista' tintuża aktar biex jiġi analizzat is-suq u speċjalment meta jseħħu bidliet drastiċi, bħal matul il-kriżi tal-COVID, sabiex jiġu attivati għodod u għażliet ta' kriżi bil-għan li jiġi stabbilizzat is-suq.

L-UE għandha pożizzjoni b'saħħitha kontra s-sajd IUU u hija meħtieġa aktar azzjoni sabiex isir aktar progress f'dan ir-rigward. F'din il-ħidma kontra s-sajd IUU, it-titjib fit-traċċabbiltà u t-trasparenza fil-katina tal-provvista tas-settur tal-ikel akkwatiku huwa ta' importanza kbira.

L-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi għandhom rwol aktar b'saħħtu fir-Regolament attwali dwar l-OKS u għalhekk huwa importanti li jiġu rikonoxxuti l-organizzazzjonijiet li diġà jeżistu fl-Istati Membri li jwettqu rwoli simili għal dawk tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi. Ir-regoli tal-OKS qegħdin hemm biex jagħmlu l-ġestjoni tas-suq faċli u speċjalment għas-sajjieda u l-bdiewa tal-akkwakultura u biex ma jisfurzawx bidliet strutturali tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom u tal-katina tal-provvista biss sabiex tiġi adattata għal definizzjoni komuni tal-UE.

Ir-rapporteur għalhekk temmen li l-Kummissjoni għandha tisma' d-diversi talbiet tal-Parlament Ewropew li l-kriterji għar-rikonoxximent tal-organizzazzjoni tal-produtturi jridu jiġu adattati biex jakkomodaw aħjar l-organizzazzjonijiet differenti kollha fl-Istati Membri li fil-biċċa l-kbira tagħhom iwettqu kompitu li jaqa' taħt l-objettivi ta' Organizzazzjoni tal-Produtturi. Eżempji ta' tali organizzazzjoni li għandha tiġi rikonoxxuta huma l-cofradias u l-Prud'homie de pêche.

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) fis-sajd u l-akkwakultura – Regolament (UE) 1379/2013
(2023/2049(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000[1] (ir-Regolament dwar l-OKS), u l-implimentazzjoni tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-21 ta' Frar 2023 bit-titolu "Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura" (COM(2023)0101),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[2],

– wara li kkunsidra l-eżitu tan-negozjati dwar ir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) tad-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja u l-Anness 3 tagħha,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0000/2022),

A. billi saħaq, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, li mekkaniżmi tajbin ta' traċċabbiltà, li jirrispondu għad-domanda tal-konsumaturi billi jipprovdu informazzjoni dwar fejn, meta, kif u liema ħut inqabad jew tkabbar, inkluż għal prodotti importati minn barra l-UE, huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel, tiġi garantita t-trasparenza għall-konsumaturi, jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

B. billi l-ftehim proviżorju bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar ir-Regolament rivedut dwar il-Kontroll tas-Sajd fih titjib kbir fir-regoli dwar it-traċċabbiltà għall-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura; billi dawn ir-regoli se jiġu implimentati fuq perjodu ta' tranżizzjoni li se jkun itwal milli mixtieq – sentejn għall-prodotti friski u ffriżati u

[1] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.
[2] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2.

ħames snin għall-prodotti pproċessati – u se jiżguraw li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni preċiża; billi t-tikkettar imtejjeb se jkun għodda għall-ġlieda kontra s-sajd IUU u se jikkontribwixxi biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta;

Introduzzjoni

1. Ifakkar li l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) hija parti integrali mill-politika komuni tas-sajd (PKS) flimkien ma' miżuri ta' konservazzjoni u finanzjarji, u hija vitali biex jintlaħqu l-objettivi tagħhom;

2. Jenfasizza l-fatt li r-reviżjoni tal-2013 tar-Regolament dwar l-OKS irriżultat f'bidla minn ċerti tipi ta' interventi għal approċċ aktar orjentat lejn is-suq fit-tul, b'enfasi fuq l-iżvilupp u l-innovazzjoni fis-settur;

Organizzazzjonijiet professjonali

3. Iqis li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) huma s-sinsla tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, filwaqt li jappoġġaw il-ġestjoni ta' kuljum tal-PKS u jippermettu l-implimentazzjoni kollettiva tagħha fil-livell tal-produtturi;

4. Huwa tal-fehma li l-OP għandhom rwol ewlieni biex jgħinu jintlaħqu l-objettivi tal-PKS, u huwa għalhekk li jeħtieġ li jiġu appoġġati aktar; jinnota li jrid isir aktar biex jiġu promossi l-istabbiliment, il-konsolidazzjoni u l-finanzjament tal-OP madwar l-UE, b'mod partikolari fl-Istati Membri fejn il-produzzjoni primarja baqgħet fil-biċċa l-kbira frammentata (l-akkwakultura, is-sajd fuq skala żgħira); iqis li l-preżenza qawwija tal-OP hija kruċjali għat-tisħiħ tal-prosperità tal-komunitajiet kostali u għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-sajjieda fil-katina tal-provvista;

5. Jikkonkludi li l-OP li jiffunzjonaw tajjeb ġeneralment ikollhom miżuri u azzjonijiet ta' suċċess, iżda josserva li għad hemm nuqqas ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li jorganizzaw b'mod partikolari sajjieda fuq skala żgħira u bdiewa tal-akkwakultura; jinnota li l-OP tal-akkwakultura li qed joperaw bħalissa kellhom suċċess partikolari fl-attivitajiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni tagħhom;

6. Iqis li bħalissa hemm organizzazzjonijiet fl-Istati Membri li jwettqu kompiti u funzjonijiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-OP, iżda li dawn l-organizzazzjonijiet ma jistgħux jikkwalifikaw bħala OP skont ir-Regolament dwar l-OKS;

7. Jinnota li l-kriżi tal-COVID-19 irriżultat fl-għeluq f'daqqa tal-biċċa l-kbira tal-ħwienet għall-prodotti tal-ikel akkwatiku frisk, u b'hekk kien opportun li terġa' tiġi stabbilita l-għażla li jintużaw mekkaniżmi ta' għajnuna għall-ħżin u li dawn jiġu estiżi biex ikopru l-OP tal-akkwakultura;

Standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni

8. Ifakkar li ħafna mill-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni inklużi fir-Regolament dwar l-OKS tal-2013 imorru lura għas-snin tmenin u disgħin; jinnota li skont l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, dawn l-istandards ġeneralment kienu rilevanti u effiċjenti u ġabu valur miżjud;

9. Jirrimarka li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u l-konsultazzjonijiet sottostanti

identifikaw opportunitajiet għas-simplifikazzjoni, ir-razzjonalizzazzjoni u l-immodernizzar tal-istandards; jinnota li sabet ukoll livell relattivament baxx ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-konformità mal-istandards;

10. Jenfasizza l-fatt li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni identifikat nuqqasijiet fil-qafas eżistenti f'termini tal-kapaċità tagħha li tilħaq l-objettivi tar-Regolament dwar l-OKS;

Informazzjoni għall-konsumatur

11. Jaqbel li biex l-OKS tilħaq bis-sħiħ l-objettivi tagħha, il-konsumaturi jridu jiġu infurmati, permezz ta' kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni u edukattivi, dwar il-valur tal-ikel tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, il-varjetà wiesgħa ta' speċijiet disponibbli u l-importanza li tinftiehem l-informazzjoni fuq it-tikketti; jemmen li biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, għandhom jirċievu informazzjoni ċara u komprensiva dwar il-prodotti mibjugħa fis-suq tal-UE, u li din l-informazzjoni għandha tikkonforma mal-istess regoli, irrispettivament mill-oriġini tal-prodotti;

12. Jargumenta li t-traċċabbiltà u l-miżuri ta' trasparenza relatati huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli tal-PKS; jemmen li jekk dawn il-miżuri jkunu appoġġati minn sistema ta' tikkettar xierqa, dawn jistgħu jiggarantixxu li l-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi tkun ta' fiduċja u affidabbli; jenfasizza l-fatt li sistema ta' tikkettar bħal din hija vitali għall-ġlieda kemm kontra l-frodi alimentari, inkluż it-tikkettar ħażin, kif ukoll is-sajd IUU;

13. Jinnota li l-Kummissjoni rċeviet, fil-konsultazzjonijiet tagħha, rapporti li jindikaw li r-rekwiżiti obbligatorji ta' informazzjoni għall-konsumatur ma kinux ġew issodisfati f'xi Stati Membri; jinnota li l-implimentazzjoni madwar l-UE hija meqjusa bħala irregolari u dan huwa partikolarment sinifikanti f'xi segmenti, bħal dawk tal-bejjiegħa tal-ħut u tal-forniturі tal-ikel tal-massa; ifakkar li t-tikkettar irid jipprovdi deskrizzjoni preċiża tal-prodotti tas-sajd u mhux tas-sajd, b'mod partikolari meta jissemmew prodotti sostituti, peress li f'ħafna każijiet jintużaw stampi li jġiegħlu lill-konsumaturi jaħsbu li ċerti prodotti huma prodotti tas-sajd meta ma jkunux;

Ir-regoli dwar il-kompetizzjoni

14. Ifakkar li l-OP jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni sabiex jilħqu l-objettivi tagħhom, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, inkluż li l-attivitajiet tagħhom ma jwasslux għat-tqassim tas-swieq, ma jeskludux il-kompetizzjoni u ma jeliminawx il-kompetizzjoni;

15. Jinnota li din l-eżenzjoni hija essenzjali biex tippermetti xi prattiki użati mill-OP, bħall-kontroll tal-kwantitajiet imqiegħda fis-suq mill-membri tal-OP sabiex jistabbilizzaw is-swieq u l-prezzijiet, jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' konservazzjoni u jevitaw il-ħela tal-ikel; jikkonkludi li korpi kollettivi mhux rikonoxxuti ta' produtturi (eż. kooperattivi, *cofradías*) jistgħu ma jibbenefikawx mill-eżenzjoni skont il-kriterji attwali għall-OP;

Informazzjoni dwar is-suq

16. Ifakkar li l-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura

(EUMOFA) jipprovdi informazzjoni dwar is-suq lill-operaturi fis-settur tas-sajd biex jgħinhom jifhmu aħjar ix-xejriet tas-suq; jinnota li sit web u bażi tad-data ddedikati ilhom online minn April 2013 u ilhom kompletament operattivi mid-dħul fis-seħħ tal-OKS riveduta, li minnhom jibbenefikaw il-korpi ta' riċerka, il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali billi jżidu l-aċċess għall-intelliġenza u d-data tas-suq;

17. Jinnota li l-EUMOFA ntuża biex jiskatta miżuri ta' kriżi bil-għan li jiġi indirizzat l-impatt tal-pandemija tal-COVID;

Konklużjonijiet

18. Jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-OKS; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu infurmati kif xieraq, jittejjeb it-tikkettar, tissaħħaħ it-trasparenza tas-suq u tiżdied it-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

19. Jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġ li jagħmlu aktar sforz biex jiksbu implimentazzjoni aktar uniformi tar-Regolament dwar l-OKS; huwa tal-fehma li implimentazzjoni aktar uniformi tista' tgħin biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumatur fil-prodotti tal-ikel akkwatiku mqiegħda fis-suq uniku;

20. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal qafas leġiżlattiv għal sistemi tal-ikel sostenibbli bil-għan li ttejjeb it-trasparenza u tipprovdi lill-konsumaturi b'aktar informazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li dan ma joħloqx piż amministrattiv addizzjonali u jkun allinjat mal-kundizzjoni ta' sostenibbiltà stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-UE;

21. Jilqa' l-eżitu tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd, b'mod partikolari r-regoli li għandhom l-għan li jsaħħu d-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà għall-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura; huwa tal-fehma li din l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà se tkun importanti ħafna għall-konsumaturi Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar azzjoni biex tiżgura li din l-informazzjoni tasal għand il-konsumaturi finali f'format sempliċi u aċċessibbli;

22. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu akbar mill-EUMOFA sabiex itejbu aktar id-data miġbura taħt l-istrument; huwa tal-fehma li l-EUMOFA jista' jintuża aktar biex janalizza s-suq, b'mod partikolari meta jkun hemm bidliet drastiċi, bħal dawk li seħħew matul il-kriżi tal-COVID, bil-ħsieb li jiġu attivati għodod u għażliet għall-kriżijiet biex jiġi stabbilizzat is-suq;

23. Huwa konvint li t-titjib tat-traċċabbiltà u tat-trasparenza fil-katina tal-provvista tas-settur tal-ikel akkwatiku huwa kruċjali għall-ġlieda kontra s-sajd IUU;

24. Itenni t-talba tiegħu biex il-kriterji għar-rikonoxximent tal-OP jiġu adattati biex jakkomodaw aħjar l-organizzazzjonijiet differenti kollha fl-Istati Membri li jwettqu kompiti li fil-biċċa l-kbira jaqgħu taħt il-mandat ta' OP; jenfasizza, f'dan ir-rigward, organizzazzjonijiet bħall-*cofradías* u l-*prud'homies de pêche*;

°

° °

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.